# IL-FARAĠ TAS-SKIET

*(Mill-Ingliż tas-Sur Ġ. Aquilina)*

Merħba bik, merħba bik, ja lejl bla kwiekeb,
Li b'dellijiet mifruxa bħal widien
Miftuħa fuq id-dinja, wasalt riekeb
Fuq sħab li, sa ftit ilu, aħmar kien
Donnu bid-demm. Is-skiet niżżilt fuq l-art,
Is-skiet bla tarf għamieq daqs l-ilmijiet,
Fejn ħajja m'hemmx, la sħana, lanqas bard,
U x-xemx le żżomm il-kejl tal-ħinijiet.
Jien lilek, Skiet, nixtieq li timla qalbi,
U d-demm li jiġri f'moħħi u ġo fija;
Ikollok ħniena minni, isma' talbi,
Nessini d-dieqa, tfakkarnix fil-ħtija
F'ħoġrok, ja Skiet ħanin, serraħli rasi,
U tħallix l-għagħa tan-nies jiksirli ngħasi.

TURU BUHAGIAR